# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 8 ta' April 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 144 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 16**

**MAM**

**Vs**

**MM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MAM datat 20 ta' Marzu 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok 'A',*** *u minn dan iz-zwieg twieldet tifla u cjoe KM li twieldet f'X.*

*Illi eventwalment gie iddikjarat illi l-imsemmija KM mhijiex il-wild natural ta' MAM u dan kif irrizulta mill-ezami tal-paternita';*

*Illi l-partijet ilhom legalment separati b'kuntratt insinwat fir-Registru Pubbliku fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u ffirmat quddiem in-Nutar Pubbliku Dottor Reuben Debono hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-*

*partijiet ilhom mifrudin u jghixu l-hajja taghhom b'mod separat.*

*Illi hekk kif jistupula l-kuntratt ta' separazzjoni surreferit fl-atti tan-Nutur Pubbliku Dottor Rueben Debono m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u cioe MAM u MM hekk kif gie stipulat f'paragrafu 4 illi "Il-mara qed tiddikjara illi qed tiddekadi mid-dritt li tircievi manteniment minghand ir-ragel filwaqt li r-ragel qed jirrinunzja ghall-manteniment minghand il-mara. Jigi ddikjarat illi d-dekadenza stabilita' dana l-artikolu hija definittiva u tibqa valida u veljanti anke jekk jkun hemm tibdil fic-cirkostanzi rispettivi tal-partijiet". ;*

*Illi l -esponenti jiddikjara li m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment pendenti ghall-wild stante li tenut kont li l-wild gie ddikjarat li mhux il-wild naturali tieghu, il-kuntratt ta' separazzjoni ma jobbligax li jinghata manteniment versu l-istess wild;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qortii sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret nhar is-16 ta' Jannar 2025 minghajr assistenza legali u l-Qorti spjegatla d-drittjiet legali taghha izda hi rrispondiet li ma tehtiegx assistenza legali u m' ghandhiex oggezzjoni ghad-divorjzu; (vide fol 17)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 4)** illi l-partijiet izzewgu nhar l-14 ta' Jannar 2004. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehed illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar il-15 ta' Lulju 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet** viva voce nhar is-16 ta' Jannar 2025 (**vide fol 18**) u kkonfermat u korraborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

***flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Jannar 2004 liema zwieg jgib certifikat numru 45/2004 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5) izda twieldet wild li mhijiex il-wild naturali tal-attur.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Rueben Debono nhar il-15 ta' Lulju 2014 (Vide fol 6 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 45/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijeit.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**